MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2011

Rikors Numru. 467/2009

**Jonathan Callus ezercenti l-kummerc bhala Callus Landscaping & Gardening**

**vs**

**Chris Cachia**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur kif prezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar it-23 ta' Novembru 2009 fejn talab lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallsu s-somma ta' sitt elef u hames mitt Ewro (€6,500) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' xoghol ta' bini, '*gardening*', xoghol ta' konkos maghmula mir-rikorrenti fuq struzzjonijiet tieghu fil-proprjeta 7, Triq il-Gardell, Kappara.

Bl-ispejjez tal-mandat ta' sekwestru u ta'Qbid kawtelatorji pprezentati kontestwalment u bl-imghax kontra l-konvenut Chris Cachia li huwa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut kif prezentata fl-atti nhar l-4 ta' Mejju 2010 (fol. 21 et seq.) fejn espona s-segwenti:-

Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontra l-attur u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. *'Illi x-xoghlijiet li taghhom qed jttnalab il-hlas qatt ma tlestew , ma sarux skond is-sengha u l-arti bil-konsegwenza illi l-esponent kellu jqabbad terzi biex jirrimedjaw ix-xoghlijiet ta' l-attur u dan kollu a spejjez tal-konvenut.*
2. *Illi l-ammont pretiz mill-attur mhux dovut stante li ghad hemm xoghlijiet li l-attur obbliga ruhu li jaghmel li qatt ma gew finalizzati kif ukoll ghaliex ix-xoghol ezegwit mill-attur ma sarx skond is-sengha u l-arti.*
3. *Illi minhabba 'l fuq imsemmija nuqqasijiet da parti ta' l-attur, il-konvenut sofra u ghadu isofri d-danni u ghalhekk jitlob li dina l-Onorabbli Qorti tasal ghal-likwidazzjoni u risarciment tad-danni li l-konvenut sofra, qed isofri u li ghad jista' isofri u ghar-refuzjoni ta' l-ammonti li huwa hallas akkont ta' xoghol li jew ma sarx, jew inkella li sar izda mhux skond ma tirrikejdi is-sengha u l-arti.*
4. *Illi sussidarjament u minghajr pregudizzju ghall-premess, in ogni kaz, l-ammont mhuwiex dovut u dan stante illi permezz ta' skrittura illi tezisti bejn il-konvenut u l-attur, datata d-19 ta' Settembru 2008 l-attur ghandu jhallas penali ta' mill-inqas tnejn u ghoxrin elf u tlett mitt Ewro (€22,300) rapprezentanti mitt Ewro (€100) kuljum ghal mitejn u tlieta u ghoxrin (223) gurnata dewmien fix-xoghol li kellu jsir sofferti mill-konvenut.*
5. *Salv eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.*

*Bl-ispejjez kontra l-attur li huwa ingunt in subizzjoni*.'

Rat l-affidavit ta' l-attur **Jonathan Callus** kif prezentat fl-atti nhar it-12 ta' Novembru 2010 (fol. 29 et seq.). Dana spjega illi huwa jahdem ma' missieru w jezercitaw il-kummerc bhala Callus Landscaping & Gardening. Jikkonferma li l-konvenut kien qabbdu biex jaghtih stima fuq xoghol ta' *landscaping*' u bini, fuq pjanti li pprovda hu, fil-fond 7, Triq il-Gardell, Kappara u jispjega illi l-konvenut

kien accetta l-istima w spicca anke li tah skont. Jghid li malli beda x-xoghol il-konvenut beda dejjem izid xoghol li ma kienux ftiehmu dwaru qabel.

Jghid li l-konvenut kellu jtih deposit u dan ircevih wara li kien fakkru fih kemm-il darba. Izda c-cekk li tah fl-ammont t'elf Ewro (€1,000) ma ssarrafx meta mar il-bank bih, izda wara li kellmu w rega' mar bih dan issarraf.

Jghid li huma naddfu l-gnien, qalghu l-art antika, zabru s-sigar, ghamlu '*concrete pavement'*, bnew barumbara, biddlu zewg pilastri tal-gebel, ghamlu l-'*planters*' ta' barra, ghamlu dawl gdid fuq barra, rrangaw id-dawl minn gewwa ghal barra ghax ma kienx sew, ghamlu '*drain box'* u l-wicc ghamluh bil-konkos, ghamlu '*platform*' ghal '*bbq area'* poggew il-komunikazzjoni tad-dawl u l-ilma ghal kcina ta' barra, poggew *'drain pump'* u hammlu b'idejhom il-'*planters'* biex minflokhom saru zewgt ikmamar ghall-klieb. Jghid ukoll li biddlulu hajt li kien jifred il-gnien tieghu minn dak tal-gar.

Jghid li ma kienux ftiehmu zmien ghal meta kellhom ilestu, izda jghid li kien hemm hafna xoghol, hafna aktar minn dak li deher fl-istima. Kemm il-konvenut kif ukoll l-*partner* tieghu Christine, kienu kuntenti hafna bix-xoghol li ghamlulhom.

Jiftakar li f'zewg okkazjonijiet meta kienu qed jahdmu fil-post kienu marru xi mpjegati tal-Enemalta biex jaqtghulu d-dawl u ghalhekk ma setghux jahdmu. Jghid li kien ifakkar lill-konvenut kemm-il darba sabiex itih pagament, pero' dan qatt ma wasal biex ihallsu. Kien dejjem igiblu l-iskuzi, w jghid li fil-fatt kien ghad fadallu jiehu bilanc ta' sitt elef u hames mitt Ewro (€6,500). Zied li huwa hareg ammont ta' flus sabiex hallas il-konkos, pompi, materjal tal-gebel, pagi tal-haddiema w affarijeit ohra. Jghid li waqt li kienu qed jaghmlu x-xoghol spicca anke dahal l-isptar u nehhewlu l-*appendix* u kellu joqghod sitt gimghat bla ma jahdem. Pero' jghid li kien ikollu tnejn u tlieta min-nies jahdmu fil-post.

Jghid li kienu lestew kollox hlief it-tqeghid tat-*turf* u nstallaw it-*timers* u l-pjanti ghal quddiem. Meta waslu fl-ahhar, il-konvenut beda jgerger li kienu damu hafna w fil-fatt ma riedx li jpoggulu t-turf. Intant il-konvenut baqa' ma hallsux ghajr ghall-elf Ewro (€1,000) li semma aktar 'il fuq. Beda jcempillu biex ihallsu, izda kien anke biddel in-numru tat-telefon cellulari tieghu. Jikkofnerma li ghad ghandu jiehu l-ammont imsemmi fir-rikors promotur.

**Frank Tanti** xehed fit-3 ta' Frar 2011 ( a fol. 32 et seq.) u spjega illi huwa jahdem bhala gardinar ma' Jonathan Callus. Fil-fatt ghamel xi xoghol gewwa l-Kappara fi Triq il-Gardell fejn kien joqghod Chris Cachia. Jghid li kien ghamel xoghol ta' gardinar u jaf illi man mano max-xoghol is-Sur Cachia zied dak li kien xtaq. Kienu bnew zewgt ikmamar, ghamlu xoghol ta' kontrabejt u *landscaping*. Ghaddew ukoll xi pajpijiet tad-dawl. Fil-fatt jghid li ghall-ewwel kien kellmu s-Sur Cachia w hu qallu biex jiftiehem mas-Sur Callus rigward dak li kellu jaghmel. U huwa in segwitu' ghamel ix-xoghol kif gie ordnat jaghmel mis-Sur Jonathan Callus. Jghid illi damu iktar minn xahrejn jahdmu fuq il-post u fil-fatt kien ghad fadal jitwahhlu l-bozoz li kellu jixtri Cachia stess. Fil-fatt, jghid, kemm-il darba talbu biex jixtrilu l-bozoz biex iwahhalhomlu, però qatt ma gabhom.

Spjega illi kien fadal li jaghmlulu t-*turf* però ma kienx *vale la pena* li jaghmlu t-*turf* tieghu biss, u peress li kien jaf li s-sur Callus kellu xi zewg klijenti ohra, kien ser jghaqqduhom flimkien u kienu se jgibulu t-turf, izda s-Sur Cachia ma riedux aktar u t-turf li kienu lahqu gabulu kellu jintrema. Jghid li darba meta kien qed jahdem hemmhekk, kien mar sid id-dar, li ma kienx Chris Cachia, u staqsih x'kien qed jaghmel hemmhekk. Ftakar ukoll li f'xi zewg okkazjonijiet anke sab id-dawl maqtugh minn barra. Effettivament jaf li l-Enemalta kienu qatghu id-dawl u ghalhekk huma ma setghux ikomplu bix-xoghol taghhom. Jaf illi darba minnhom damu bla dawl ghal xi tlett ijiem.

Il-Qorti tirrileva li mit-3 ta' Frar 2011 'il quddiem il-konvenut kellu jressaq il-provi u l-Qorti ffissat ghaxar

seduti ghal dan l-iskop, pero’ l-konvenut baqa’ ma deherx u lanqas ma pprezenta l-provi tieghu.

Illi ghalhekk ix-xhieda kif moghtija mill-attur qatt ma giet kontestata w fl-ebda hin ma l-konvenut ipprova l-eccezzjonijiet imressqa minnu.

**Ghaldaqstant din il-Qorti tiddikjara li t-talba attrici ghandha tigi akkolta w tiddeciedi li tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma indikata fir-rikors promotur fl-ammont ta’ sitt elef u hames mitt Ewro (€6,500), filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tieghu.**

**L-ispejjez ta’ din il-procedura ghandhom jithallsu mill-konvenut, bl-imghax mid-data tan-notifika tar-rikors promotur lill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------